Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20, 290, 5 ta' Novembru, 2019
Taqsima B

A.L. 294 tal-2019

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2019 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Human Nutrition, Obesity and Health – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2019 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Human Nutrition, Obesity and Health – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science in Human Nutrition, Obesity and Health – M.Sc.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science in Human Nutrition, Obesity and Health – M.Sc.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Human Nutrition, Obesity and Health – P.G. Dip.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2019 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom grad ta' Bachelor minn din l-Università, jew minn xi istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja oħra rikonoxxuta mis-Senat, miksub tal-anqas Fit-Tieni Klassi bl-Unuri fl-Applied Food and Nutrition Sciences jew f'xi qasam ieħor meqjus rilevanti mill-Bord.

(2) Professjonisti prattikanti li għandhom il-Post-Qualification jew il-Postgraduate Diploma in Nutrition and Dietetics jistgħu jitħallew jidħlu fit-tieni sena tal-Kors, sakemm li dawn l-applikanti jkunu meħtieġa li, minbarra l-programm ta' studju tagħhom, jirreġistraw u jtemmu b'suċċess taqsima/taqsimiet studji dwar ir-Research Methods, kif indikat mill-Bord.

(3) Il-Bord għandu jirrakomanda lis-Senat l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont id-disponibbiltà tar-riżorsi. Il-Bord għandu jħabbar l-għadd ta' postijiet disponibbli fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(4) Meta l-għadd ta' postijiet ikun limitat u l-għadd ta' applikanti eliġibbli jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jintgħażlu skont il-kriterji li ġejjin, bil-piż għal kull wieħed ikun ippubblikat fiż-żmien tas-sejħa tal-applikazzjonijiet:

(a) it-tip tal-grad u l-klassifikazzjoni;
(b) l-esperjenza fil-qasam tal-istudju propost; u
(c) il-livell milħuq matul intervista, jekk meqjusa neċessarja.

(5) L-intervisti, jekk neċessarji, għandhom ikunu mmexxija minn bord magħmul mill-anqas minn tliet membri maħtura għal dan il-għan.

(6) Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha għad-dħul fil-Kors sal-31 ta' Awwissu ta' qabel ma jibda l-Kors għandhom jitqiesu l-ewwel.

(7) Matul l-ewwel sena tal-Kors, l-istudenti jkunu meħtieġa wkoll joqogħdu għall-*occupational health assessment* biex ikun aċċertat li huma tajbin għad-dmirijiet relatati mal-istudji tagħhom. L-istudenti li ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit jistgħu ma jitħallewx ikomplu bl-istudji tagħhom. In-nuqqas li tiżvela informazzjoni dwar problema ta' saħħa fiżika jew mentali li tista' taffettwa s-sigurta' ta' pazjent hija kkunsidrata bħala ksur serju tar-Regolamenti tal-Università dwar Kompetenza għall-Prattika.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' erba' semestri ta' studju fuq bażi *full-time.*

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 120 krettu ECTS, li minnhom 90 krettu ECTS ikunu assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u prattiċi u 30 krettu ECTS ikunu assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

6. L-istudenti li jiksbu għadd ta' taqsimiet studju mgħallma u prattiċi preskritti li jammontaw għal 60 krettu ECTS b'marka medja ta' mill-anqas 50% u li ma jkomplux il-Kors, jew li jkunu komplew ma jtemmux b'suċċess il-Kors, ikunu eliġibbli għall-Postgraduate Diploma.

7. L-istudenti jkunu eliġibbli għal għoti tal-Grad jew jiksbu l-120 krettu ECTS kif imnizzel fil-programm ta' studju għall-Kors b'marka medja ta' mill-anqas 50%.

8. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

9. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) L-istudenti li fi kwalunkwe sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 krettu ECTS għandhom jingħataw l-opportunità li jerġgħu jagħmlu l-valutazzjonijiet li weħlu fihom matul is-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru, sakemm li, l-istudenti li weħlu f'taqsima studju li tinvolvi prattika professjonali li teħtieġ assessjar fuq medda ta' żmien, ikunu meħtieġa li jagħmlu l-valutazzjoni supplimentari matul is-sena ta' wara tal-Kors jew f'sena addizjonali ta' studju, kif applikabbli.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar min-numru ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament jew l-istudenti li wara l-valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal kwalunkwe taqsima studju jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.

Id-Dissertazzjoni

10. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 20,000 kelma, skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir matul it-tielet u r-raba'

semestri tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord sal-aħħar tat-tieni semestru.

11. (1) L-istudenti għandhom ikollhom kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jissottomettu rapport ta' progress fuq kull student taħt is-superviżjoni tagħhom lill-Bord fit-tmien ta' kull semestru ta' studju. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

12. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.